MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 676/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Josef Debattista**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Debattista detentur tal-karta tal-identita` numru 243277(M).

Akkuzat talli:
Nhar il-21 ta’ Gunju 2013, ghall-habta tal-11.00hrs gewwa Triq l-Imdina, Hal Qormi, u f’dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Keith Hili u/jew perusni ohra, hekk kif iccertifika Dr Pirotta Med Reg: 3146 mill-Isptar Mater Dei;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Keith Hili biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu;

U talli fl-isess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tammontax ghal aktar minn 116.47 Euro;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied; u

Finalment, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li hu gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tinhareg ordni ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Keith Hili ai termini tal-Artikolu 412 tal-Kap. 9;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 216(1), 325(1)(c), 338(dd) u 252 (B)(1).

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Josef Debattista hati ta’ dawn l-akkuzi u minflok timponi piena qeghda tpoggi lill-imputat taht Probation Order a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghal sentejn.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------